MALTA

ATT Nru. X ta' 1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubblici oħra.

ACT No. X of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the National Day and other Public Holidays Act, 1975.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

7 ta' Marzu, 1980

ATT Nru. X ta' l-1980

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Jum il-Ħelsien ikun il-Jum Nazzjonali ta' Malta.

2. (1) Il-wieħed u tletin ta' Marzu ta' kull sena jkun magħruf bħala Jum il-Ħelsien u jkun il-Jum Nazzjonali ta' Malta.

(2) Jum il-Ħelsien ikun btala pubblika u f'dik l-okkażjoni għandha tittajjar il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta fuq il-bini pubbliku kollu.

(3) Il-Prim Ministru jista' jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa għaċ-ċelebrazzjoni b'mod xieraq ta' Jum il-Ħelsien.".

Sostituzzjoni ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

3. Minflok l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"SKEDA

Artikolu 3 (1)

Lista ta' Btajjel Pubblići
(b'żieda ma' Jum il-Ħelsien u l-Ħdud)

l-1 ta' Jannar	L-Ewwel tas-Sena
——	Il-Ġimgħa l-Kbira
l-1 ta' Mejju	L-Ewwel ta' Mejju
il-15 ta' Awissu	Il-Festa ta' Santa Marija
it-13 ta' Diċembru	Jum ir-Repubblika
il-25 ta' Diċembru	Il-Milied".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 365 ta' l-4 ta' Marzu, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati